**QORTI CIVILI PRIM' AWLA**

**ONOR. IMHALLEF FRANCO DEPASQUALE LL.D.**

**Illum il-Gimgha 19 ta' April 2002**

**Numru** 32
**Citaz. Nru.** 294/96 FDP

**Vincent Ciarlo` u Carmen Ciarlo` mizzewgin flimkien**

**Vs**

**Av. Dr. Nives Grixti u PL Jean Pierre Busuttil b'digriet tat-28 ta' Awissu 1996 nominati bhala kuraturi deputat ghall-assenti Nicholas Ciarlo` u Julie Ciarlo` mizzewgin flimkien; u b'digriet ta' l-24 ta' Mejju 2000 Dr. Chris Cilia u PL Liliana Buhagiar gew mahtura bhala kuraturi deputati ghall-assenti Julia Ciarlo` minflok il-kuraturi deputati precedentement ghaliha mahtura.**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni tat-30 ta' Jannar 1996 fejn gie premess:-

Illi fl-1989 l-atturi ghamlu self *brevi manu* ta' tmint elef lira Sterlina (STG 8000) lill-konvenuti;

Illi l-konvenuti ghadhom debituri ta' dan il-bilanc;

Illi l-kreditu huwa cert, likwidu u skadut u l-atturi kkonfermaw il-kreditu b'affidavit a tenur ta' l-artikoli 167 sa 170 tal-Procedura Civili u li fil-fehma taghhom m'ghandhomx eccezzjonijet x'jaghtu;

Talbu ghalhekk l-atturi lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tiddeciedi l-kawza billi tilqa' t-talbiet attrici bid-dispensa tas-smiegh u bl-abbrevjazzjoni tat-termini a tenur ta' l-artikoli 167-170 tal-Kodici ta' Procedura Civili;

2. Tiddikjara u tiddeciedi li l-konvenuti huma debituri ta' l-atturi fl-ammont ekwivalenti f'Liri Maltin skond il-kambju kurrenti ta' tmint elef lira Sterlina (STG8000) rapprezentanti bilanc ta' dan is-self;

3. Tikkundanna lill-konvenuti jhallsu dan il-bilanc lill-atturi;

Bl-ispejjez u bl-interess kummercjali;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' Carmen Ciarlo` u l-lista tax-xhieda minnha indikati;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tat-13 ta' Gunju 1997 tal-konvenuti Dr. Nives Grixti u PL Jean Pierre Busuttil *nomine*, kuraturi deputati nominati sabiex jirrapprezentaw lill-assenti Nicholas Ciarlo` u Julie Ciarlo`, fejn huma eccepew:-

1. Illi fl-ewwel lok il-kawzali huma illeciti tant li din l-Onorabbli Qorti ma tistax tiehu konjizzjoni ta' att kuntrattwali li seta' jsir biss permezz ta' l-awtoritajiet kompetenti u ghalhekk jinterponu n-nullita` tac-citazzjoni;

2. Illi fit-tieni lok u minghajr pregudizzju ghas-suespost jeccepixxu n-nuqqas ta' gurisdizzjoni tal-Qrati Maltin ai termini ta' l-artiklu 742(b) u (c) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta stante li l-konvenuti ma joqghodux f'dawn il-Gzejjer u m'ghandhomx assi;

3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, stante li l-eccipjenti mhumiex edotti mill-fatti kollha tal-kaz jirriservaw li jressqu l-eccezzjonijiet taghhom fi stadju ulterjuri tal-kawza;

Salv eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta’ l-istess kuraturi nomine, u l-lista tax-xhieda minnhom indikati;

Rat l-atti kollha tal-process;

Semghet lix-xhieda prodotta;

Ikkunsidrat:-

Verzjoni ta’ l-atturi:

Illi l-atturi jallegaw li fl-1989 kienu sellfu STG 8000 *brevi manu* lil binhom Nicholas Ciarlo` u martu Julie Ciarlo`. Fl-affidavit taghha l-attrici xehdet li dan is-self sar minghajr interessi u li binha u martu kellhom ihallsu lill-atturi direttament. Hija spjegat li huma jghixu bil-pensjoni u l-attur jinsab b’puplesija u ghalhekk kellha ddur fuq Nicholas u Julie Ciarlo` sabiex jirrifondulhom is-self li kienu ghamlulhom. Nicholas Ciarlo`, fl-affidavit tieghu jikkonferma l-kontenut ta’ l-affidavit ta’ l-istess Carmen Ciarlo`. Fl-Udjenza tat-18 ta’ Jannar 2002, l-attrici kkonfermat li l-STG 8,000 kienu ghadhom dovuti.

Verzjoni ta’ Nicholas Ciarlo`:

Illi bin l-atturi Nicholas Ciarlo`, fl-affidavit tieghu spjega li wara li zzewweg lil Julie Finch huma kienu mar joqghodu l-Ingilterra. Wara tlett

snin hu u martu gew joqghodu Malta. Ghaddew xi snin u martu riedet terga' tmur toqghod l-Ingilterra. Xehed li ommu u missieru kienu sellfuhom STG 8,000 biex ihallsu l-bilanc fuq il-"mortgage" li kellhom fuq id-dar li xtraw hemmhekk. Martu kienet marret l-Ingilterra qablu, sakemm hu jiehu hsieb xi affarijiet hawn Malta. Huwa mar l-Ingilterra fl-1989. Fl-1990 Julie Finch fethet il-proceduri ghal divorzju. Huwa jikkonferma li " ... *to date, my wife and I still owe ... the sum of STG 8000 to my parents, Vincent and Carmen Ciarlo`".*

<u>Verzjoni ta' Julie Ciarlo`</u>:-

Illi l-konvenuta Julie Ciarlo` ma pprezentat ebda provi ghalkemm jirrizulta li hija taf bil-proceduri odjerni. Dr. Nives Grixti kienet infurmatha permezz ta' ittra datata 26 ta' Gunju 1998 li kienet giet nominata mill-Qorti sabiex tirrapprezentaha f'din il-kawza. L-istess Julie Ciarlo` kienet irrispondietha permezz ta' ittra datata 5 ta' Ottubru 1998 u talbitha aktar informazzjoni dwar il-kawza. A fol 349 tal-process hemm esebita ittra (bla data) minghand Julie Ciarlo` fejn spjegat lil Dr. Nives Grixti li kienet qed toggezzjona li hi u Nicholas Ciarlo` ikunu rapprezentati mill-istess kuratur deputat gialadarba huma ddivorzjati minn xulxin. Ghalhekk Dr. Chris Cilia kien gie nominat biex jirrapprezenta lil Julie Ciarlo`. Dr. Cilia kiteb lil Julie Ciarlo` u infurmaha b'dan permezz ta' ittra datata 4 ta' Dicembru 2000. Hija rrispondietu u talbitu informazzjoni dwar it-talbiet attrici sabiex tkun tista' tipprezenta l-

eccezzjonijiet opportuni da parti taghha. Huwa rega' kitbilha fl-4 ta' Mejju 2001 u spjegalha d-dettalji tat-talbiet attrici (fol 402). Fl-udjenzi tas-26 ta' Ottubru 2001 u tat-18 ta' Jannar 2002 Dr. Cilia ikkonferma li baqa' ma rcieva ebda risposta ghal tali ittra. Fl-Udjenza tas-26 ta' Ottubru 2001 l-attrici kkonfermat li Julie Ciarlo` kienet ghadha tabita fl-indirizz li fih kiteb Dr. Chris Cilia u cioe' 10, Colwyn Parade, Hebburn, Newcastle.

L-Eccezzjonijiet:

Illi fl-eccezzjonijiet tal-kuraturi deputati Dr. Nives Grixti u PL Jean Pierre Busuttil, f'isem il-konvenuti Nicholas u Julie Ciarlo`, gie eccepit fl-ewwel lok li c-citazzjoni hija nulla ghax l-att kuntrattwali seta' jsir biss bil-permess ta' l-awtoritajiet kompetenti. Mill-provi prodotti jirrizulta li r-relazzjoni ta' bejn il-kontendenti kienet wahda ta' mutwu semplici (self ta' kwantita` ta' hwejjeg li jintemmu bl-uzu) u ma hemm bzonn ebda intervent ta' xi awtorita` kompetenti. Ghalhekk din l-eccezzjoni hija infondata;

Illi fit-tieni eccezzjoni gie eccepit in-nuqqas ta' gurisdizzjoni ai termini ta' l-artiklu 742(b) u (c) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Artiklu 742(b) jistipula li l-Qrati Civili ta' Malta ghandhom gurisdizzjoni biex jisimghu u jiddeciedu l-kawzi li jirrigwardaw kull persuna sakemm ghandha d-domicilju taghha jew tkun qeghda Malta. Fil-kaz tal-konvenuti, dawn ghamlu zmien jghixu Malta, imbaghad regghu telghu l-Ingilterra. Ma

tressqet l-ebda prova da parti tal-kontendenti sabiex jippruvaw li rrinunzjaw ghad-domicilju malti taghhom. Jirrizulta mill-istqarrija tal-konvenut Nicholas Ciarlo` li "*after our marriage in 1979 I emigrated to England*"; dam xi snin l-Ingilterra u wara irritorna Malta u wara xi zmien regghu marru l-Ingilterra; ghalkemm jirrizulta li l-partijiet izzewgu Malta bl-effetti kollha li tali pass igib mieghu dwar domicilju u drittijiet patrimonjali. Illi l-partijiet iddivorzjaw fit-23 ta' Gunju 1998 u ghalhekk jirizulta li meta giet intavolata l-kawza kienu ghadhom mizzewgin;

Il-kaz in kwistjoni jirrigwarda self ta' flus li l-kontendenti kellhom bzonn meta riedu jixtru dar. Il-flus originali ovvjament intefqu. F'kaz ta' self ghall-konsum, min jissellef il-flus huwa obbligat li jrodd lura l-istess kwantita` ta' flus lilu mislufa. Il-konvenuti inghataw kull opportunita` biex iresqu xi provi ohra izda dawn ma sarux u mar-rizultanzi ma jidhrix, li din l-eccezzjoni ghandha tintlaqa'.

<u>Dwar il-mertu</u>:

Illi ghalkemm ma saret ebda skrittura ta' self bejn il-kontendenti, kemm l-atturi kif ukoll il-konvenut Nicholas Ciarlo` jikkonfermaw is-self ta' STG 8,000. Il-konvenuta Julie Ciarlo` ma pprezentat ebda provi minkejja li hija kienet taf bil-proceduri odjerni kontriha. Jirrizulta li l-ammont ghadu dovut sa llum. Irid jigi rilevat li mill-ittra li l-konvenuta baghtet lill-avukati f'Malta, kienet taf sew dwar dak li kien qed jigri u ma naqsitx li fuq parir tal-legali inglizi

taghha titlob kuraturi differenti; b'dana kollu ma ressqet ebda prova jew affidavit kontra l-allegazzjoni ta' l-atturi.

Ghal dawn il-motivi;

Il-Qorti tiddeciedi din il-kawza billi:-

Wara li tichad l-eccezzjonijiet sollevati;

Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' l-Ewwel Talba; u

Tilqa' t-Tieni Talba u tiddikjara li l-konvenuti huma debituri ta' l-atturi fl-ammont ekwivalenti f'liri Maltin ta' tmint elef lira Sterlina (STG 8,000) rapprezentanti self;

Tilqa' t-Tielet Talba u tikkundanna lill-konvenuti jhallsu dan l-ammont lill-atturi.

L-ispejjez u l-imghax kummercjali mid-data tac-citazzjoni jithallsu mill-konvenuti.

Emanuel Sciriha
Deputat Registratur